

32004R1629

L 295/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.9.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1629/2004**tat-13 ta' Settembru 2004****li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw fl-Indja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

- (3) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika kull informazzjoni li qieset meħtieġa għas-sejbiet definittivi.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

- (4) Il-partijiet kollha kienu infurmati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tkun rakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw fl-Indja u l-ġbir definittiv ta' l-ammonti miksuba permezz tad-dazju provviżorju. Huma ġew mogħtija wkoll perijodu li matulu jagħmlu preżentazzjonijiet wara l-iżvelar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali.

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (ir-“Regolament bażiku”) u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

- (5) Il-kummenti orali u miktuba mressqa mill-partijiet interessati ġew meqjusa u, fejn xieraq, is-sejbiet ġew modifikati skond il-każ.

Billi:

Ċ. IL-PRODOTT KONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**A. MIŻURI PROVVIŻORJI**

- (1) Fid-19 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 1009/2004 ⁽²⁾ (“ir-Regolament provviżorju”), imponiet dazju anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw fl-Indja.

- (6) Peress li l-ebda kummenti ġodda ma ġew riċevuti fir-rigward tal-prodott konċernat u tal-prodott simili, il-premessi (11) sa (15) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati.

D. DUMPING**1. Talbiet magħmula mill-produtturi ta' l-esportazzjoni****B. PROCĊEDURA SUSSEGWENTI**

- (2) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie deċiż li jkunu imposti miżuri anti-dumping provviżorji, għadd ta' partijiet interessati ressqu bil-miktub l-opinjoni tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji. Il-partijiet li talbu biex jiġu mismugħa ngħataw din l-opportunità.

- (7) Iż-żewġ produtturi ta' l-esportazzjoni f'kooperazzjoni tennew il-kummenti tagħhom li kellu jingħata aġġustament tar-rifużjoni ta' dazju fuq il-valur normali, skond l-Artikolu 2(10)(b) “Ħlas ta' l-importazzjoni u taxxi indiretti” jew taħt l-Artikolu 2(10)(k) “Fatturi oħra” tar-Regolament bażiku, għall-benefiċċji riċevuti taħt l-Iskema ta' Ktieb tal-Bank għall-Jedd tat-Taxxa (“DEPB”) fuq il-bażi ta' wara-l-esportazzjoni. Skond l-Artikolu 2(10)(b), huma qalu li l-ammont ta' krediti DEPB użati għall-importazzjoni ta' materja prima konsumata fil-proċess ta' produzzjoni tal-prodott esportat għandhom jingħataw bħala konċessjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1, Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 183, ta' l-20.5.2004, p. 61.

(8) F'dan ir-rigward, għandu jingħad li l-ebda aġġustament ma seta' jingħata peress li, kif kien spjegat fil-premessa (25) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni uriet li l-ebda konnessjoni diretta ma setgħet tkun stabbilita bejn il-krediti DEPB mogħtija u l-materja prima mixtrija minħabba li l-krediti setgħu jintużaw għal dazji li għandhom jitħallsu fuq kwalunkwe merkanzija li se tkun importata, għajr għall-merkanzija kapitali u merkanzija suġġetta għal restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fl-importazzjoni. Barra minnhekk, anke meta l-krediti kienu wżati għall-importazzjoni ta' materja prima meħtieġa għall-produzzjoni ta' l-elettrodi tal-grafita, il-produtturi ta' l-esportazzjoni ma setgħux juru li din il-materja prima kienet użata għall-produzzjoni tal-prodott esportat. Ukoll, il-benefiċċju DEPB ġie kkunsidrat bħala dħul u mhux bħala oġġett negattiv fis-sistema tal-kontijiet ta' l-ispejjeż tal-kumpanniji. Għaldaqstant, fuq il-bażi tar-rekords tal-kontijiet tal-kumpanniji, ma kienx hemm konnessjoni bejn il-prezz tal-merkanzija esportata u d-dħul DEPB riċevut. Finalment, ma tressaq l-ebda argument ġdid li jiġġustifika l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dawn it-talbiet ma setgħux jiġu aċċettati u s-sejbiet imniżżla fil-premessi (25) u (26) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati.

(9) Iż-żewġ produtturi ta' l-esportazzjoni f'kooperazzjoni tennew ukoll it-talbiet tagħhom skond l-Artikolu 2(10)(d)(ii) tar-Regolament bażiku, fir-rigward tad-differenzi fil-livelli tan-negozju. Madankollu, ma tressaq l-ebda argument ġdid. Għalhekk is-sejbiet imniżżla fil-premessi (27) u (28) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati.

(10) Iż-żewġ produtturi ta' l-esportazzjoni f'kooperazzjoni ikkontestaw ir-rati tal-kambju użati fil-kalkolu tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni. Huma qalu li r-rati tal-kambju wżati għandhom ikunu dawk fis-seħħ fid-data tal-ħlas minflok dawk fid-data tal-fattura. Barra minnhekk, huma qalu wkoll li minflok tintuża r-rata tal-kambju medja tax-xahar li fih toħroġ il-fattura, ikun iktar preċiż li jintużaw ir-rati tal-kambju tal-ġurnata attwali.

(11) F'dan ir-rigward, għandu jingħad li hija prattika konsistenti tal-Kummissjoni li tuża r-rati tal-kambju rilevanti għad-data tal-fattura, peress li d-determinazzjoni tal-prezz tikkunsidra r-rati tal-kambju fil-mument li ssir il-fattura. It-talba biex jintużaw ir-rati tal-kambju rilevanti fid-data tal-ħlas kienet għalhekk miċħuda. Madankollu, ġie miftiehem li jintużaw ir-rati tal-kambju attwali rilevanti fid-data tal-fattura minflok r-rati tal-kambju medji tax-xahar rilevanti għal dik id-data. Fid-dawl ta' dan, il-kalkoli tad-*dumping* ġew emendati skond il-każ.

(12) Meta ġiet analizzata l-kwistjoni, instab żball klerikali fl-imsemija rati tal-kambju medji tax-xahar. Minħabba li dawn ir-rati tal-kambju kienu mibdula bir-rati tal-kambju tal-ġurnata, kif spjegat fil-premessa (11), dan l-iżball jista' jittqies bħala rranġat.

2. Kalkoli tad-*dumping*

(13) Wara l-aġġustamenti fir-rigward tar-rati tal-kambju użati, kif deskritt fil-premessi (10) sa (12), l-ammont tad-*dumping* determinat b'mod finali, espress bħala persentaġġ tal-prezz nett liberu-fil-fruntiera tal-Komunità CIF, huwa kif ġej:

Graphite India Limited (GIL)	31,1 %
Hindustan Electro Graphite (HEG) Limited	22,4 %
L-oħrajn kollha	31,1 %

E. L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

(14) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argumenti sostanzjali ġodda f'dan ir-rigward, il-premessi (32) sa (35) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati.

F. ĦSARA

(15) Wara l-iżvelar provviżorju, l-esportaturi Indjani enfasizzaw id-differenza fil-marġni ta' bejgħ bi ħlas inqas ta' tip wieħed partikolari tal-prodott konċernat, hekk kif imqabbel mal-marġni ta' bejgħ bi ħlas inqas ta' tipi simili. Il-kumment kien eżaminat tajjeb u nstab li d-diskrepanza kienet ir-riżultat ta' żball fir-rapport ta' numru ta' noti ta' kreditu u tnaqqis ta' produttur partikolari tal-Komunità. It-talba kienet għalhekk aċċettata u l-marġni ta' bejgħ bi ħlas inqas ta' dan it-tip partikolari u, fejn xieraq, ta' tipi oħra kienu rranġati skond dan.

(16) Instab ukoll li numru ta' transazzjonijiet ta' bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità użati għal kalkolu tal-bejgħ bi ħlas inqas kienu mġhaduda darbtejn. Minħabba f'dan, it-transazzjonijiet li ġew mġhaduda darbtejn kellhom jitneħħew u l-kalkoli tal-bejgħ bi ħlas inqas kellhom jiġu modifikati kif xieraq. Madankollu, dan l-għadd doppju ma kienx seħħ waqt li kienu ġew stabbiliti l-figuri użati biex jiġu stmati l-indikaturi tal-ħsarat. Għalhekk, ma kienx hemm għalfejn ikunu modifikati l-indikaturi tal-ħsarat.

(17) Konsegwenza ta' dan, it-tqabbil wera li matul l-IP il-prodott konċernat li joriġina fl-Indja u mibjugħ fil-Komunità raħħas il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità bejn 3 % u 11 %.

- (18) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argumenti sostanzjali ġodda f'dan ir-rigward, il-premessi (36) sa (72) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati, bl-eċċezzjoni tal-premessa (42) (ara l-premessi (15) sa (17) hawn fuq).

G. KAWŻALITÀ

1. Ritorn għall-kompetizzjoni normali wara t-tneħħija tal-konsorzju

- (19) L-esportaturi Indjani tennew l-argument tagħhom li l-istabbiliment ta' konnessjoni kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u l-ħsara sofferta mill-industrija tal-Komunità hija bbażata fuq data li m'hix ta' min joqgħod fuqha minħabba l-eżistenza ta' konsorzju sal-bidu ta' l-1998. Madankollu, l-esportaturi Indjani ma pprovdwx xi informazzjoni għida sad-data ta' skadenza magħmula għat-tressiq ta' kummenti f'dan ir-rigward.

2. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (20) Għadd ta' partijiet interessati qalu li l-Kummissjoni kellha tibda din il-proċedura wkoll kontra importazzjonijiet tal-prodott simili mill-Ġappun. Fl-istadju tal-bidu tal-proċeduri kurrenti, l-Kummissjoni ma kellhiex evidenzi ta' ħsara suffiċjenti rigward *dumping* li kienet tiġġustifika l-ftuħ ta' proċeduri kontra prodotti Ġappuniżi fi qbil marrekwiżiti ta' l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament bażiku. L-evidenza fornuta minn ċertu partijiet wara l-bidu ma tikkonstitwix tali evidenza, kemm jekk meħuda waħedha jew flimkien ma' informazzjoni oħra disponibbli lill-Kummissjoni fiż-żmien ta' l-investigazzjoni, għax l-ebda evidenza ta' *dumping* inġurjuż ma jemana minn dan. Per eżempju, l-evidenza miġjuba mill-partijiet imsemmija hawn fuq kien fiha biss informazzjoni dwar il-prezzijiet medji domestiċi u ta' l-esportazzjoni għal elettrodi tal-grafita Ġappuniżi, mingħajr ebda indikazzjoni jekk dawn l-elettrodi tal-grafita verament kinux jissodisfaw il-parametri li jiddefinixxu l-prodott konċernat kif imniżżel fil-premessa (13) tar-Regolament provviżorju. F'kull eventwalità, l-fatt li importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ġappun mhumiex suġġetti għall-proċedura m'għandux jbidel l-ebda mod il-konklużjonijiet ta' l-investigazzjoni li tirrigwarda l-eżistenza ta' konnessjoni kawżali.
- (21) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argumenti sostanzjali ġodda f'dan ir-rigward, il-premessi (73) sa (93) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati.

H. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

- (22) Assoċjazzjoni li tirrappreżenta lil min juża l-prodott u kumpannija ta' min juża l-prodott tennew il-preokkupazzjoni tagħhom li, bl-esklużjoni tal-fornimenti Indjani

mis-suq tal-Komunità, l-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura kienet se tnaqqas il-kompetizzjoni sħiħa fis-suq tal-Komunità għal dan il-prodott partikolari u inevitabilment twassal għal żieda fil-prezzijiet. Madankollu, kif evalwat fil-premessa (103) tar-Regolament provviżorju, l-impatt ta' xi żieda fil-prezz tal-prodott simili għall-konsumaturi finali aktarx li jkun minimu. Huwa mfakkar ukoll li l-għan ta' kull miżura *anti-dumping* m'huwa bl-ebda mod li jwaqqaf l-aċċess fil-Komunità ta' prodotti mill-Indja, iżda biex jirrangja l-kamp tan-negozju li kien ġie mfixxkel minn prattiċi mhux-ġusti tal-kummerċ. Finalment, huwa meqjus li l-livell tal-miżuri m'huwiex daqstant effettiv li jeskludi l-produtturi Indjani mis-suq tal-Komunità.

- (23) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni jew argumenti sostanzjali ġodda f'dan ir-rigward, il-premessi (94) sa (107) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati.

I. LIVELL TA' L-ELIMINAZZJONI TAL-ĦSARA

- (24) Wara l-iżvelar tas-sejbiet provviżorji, għadd ta' partijiet interessati qalu li l-livell ta' profitt ta' 9,4 % meqjus li jirrappreżenta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità fin-nuqqas ta' sussidju għall-ħsara mill-Indja kien għoli ħafna. Kien allegat li l-prattika normali kienet li jkun stabbilit proporzjoni ta' profitt ta' 5 % għal setturi ta' merkanzija bażika bħal dawka ta' l-azzar, it-tessuti u l-kimiċi bażiċi. L-istess partijiet qalu wkoll li l-metodoloġija użata sabiex tasal għal din il-figura għandha tkun żvelata b'mod sħiħ.
- (25) Kif spjegat fil-premessa (110) tar-Regolament provviżorju, il-profitt ta' 9,4 % kien ir-riżultat ta' evalwazzjoni raġunata stabbilita fuq il-bażi ta' numru ta' elementi, fosthom (i) il-profitt miksub mill-industrija tal-Komunità fl-1999, meta s-sehem tas-suq tal-merkanzija impurtata mibjugħa bit-telf kien fl-inqas livell tiegħu; (ii) il-kondizzjonijiet tas-suq f'dak iż-żmien; u (iii) l-informazzjoni meħuda minn *database* dwar il-kontijiet tal-kumpanniji. Din id-*database* tikkonsisti f'data dwar il-kontijiet tal-kumpanniji, li jkun l-ewwel miġbura mill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-iktar pajjiżi industrijalizzati, jiġifieri ħafna mill-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti u l-Ġappun, u imbagħad miġbura, skond is-setturi, mill-Kumitat Ewropew ta' l-Uffiċċji Ċentrali tad-Data tal-Karta tal-Bilanċ u mill-Kummissjoni Ewropea. Id-*database* għet aġġornata bejn id-deċiżjoni provviżorja u dik definittiva. Analiżi tad-data aġġornata li tirreferi għall-Istati Membri ta' l-UE, flimkien ma' l-Istati Uniti u l-Ġappun turi li l-profitt medju qabel oġġetti straordinarji għal kumpanniji li jagħmlu parti mis-settur kummerċjali l-iktar qrib kien ta' 7,5 % fl-2002, li hija l-aħħar sena aċċessibbli fid-*database*.

- (26) Madankollu, jitqies ukoll li, meta jkun iffissat il-profitt li seta' inkiseb fin-nuqqas ta' *dumping*, konsiderazzjoni partikolari għandha tingħata għall-elementi kwalitattivi u kwantattivi kollha rilevanti għal dan il-għan. B'mod partikolari, peress li dan sar fil-premessa (110) tar-Regolament provviżorju, saret eżaminazzjoni tajba tal-livelli ta' profitt ta' l-industrija tal-Komunità meta s-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' *dumping* kien fl-inqas livell tiegħu (jiġifieri fl-1999), u ta' kwalunkwe kawża u ċirkostanza oħra li tista' taffettwa r-rappreżentattività ta' dan l-aħħar perijodu. Fl-aħħar, ta' min jinnota li l-prodott konċernat huwa wżat f'applikazzjonijiet diffiċli u għandu jżomm ċerti parametri b'mod strett, partikolarment f'termini ta' reżistenza elettrika. Dan jinvolvi proċess ta' manifattura intensiv b'kapital għoli u spejjeż mhux żgħar f'Riċerka u Żvilupp. Il-fatt li numru limitat ta' produttori fid-dinja kapaċi jaħdmu f'din it-teknoloġija hija indikazzjoni ulterjuri li dan il-prodott ċertament ma jistax jitqies bħala merkanzija bażika.
- (27) Meta jkunu kunsidrati dawn iċ-ċirkostanzi u elementi kollha, il-konklużjoni definittiva hija li l-marġni tal-profitt li tista' b'mod raġjonevoli titqies li tirrappreżenta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità fin-nuqqas tad-*dumping* magħmul b'mod offensiv mill-Indja għandha tkun stabbilita f'8 % għall-għan tal-kalkolu tal-marġni tal-*ħsara*.

- (28) B' riziultat ta' dan t' hawn fuq, tas-sejbiet relatati mal-bejgħ bi ħlas inqas (ara premessi (15) sa (17) hawn fuq), u ta' konsiderazzjoni xierqa tar-reviżjoni tar-rati tal-kambju (ara premessa (11) hawn fuq), il-marġni tal-*ħsara* għew riveduti kif ġej.

Graphite India Limited (GIL)	15,7 %
Hindustan Electro Graphite (HEG) Limited	7,0 %

J. MIŻURI DEFINITTIVI

- (29) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-*dumping*, tal-*ħsara*, tal-kawżalità u ta' l-interess tal-Komunità, u skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandu jkun impost dazju *anti-dumping* definittiv fil-livell tal-marġni ta' *dumping* misjub, imma m'għandux ikun iktar mill-marġni tal-*ħsara* kalkolat hawn fuq.
- (30) It-tibdil li sar fil-marġni tad-*dumping* u tal-*ħsara* ma kellu l-ebda effett fuq l-applikazzjoni tar-regola ta' dazju inqas. Għaldaqstant, il-metodoloġija użata għall-istabbiliment tar-rati tad-dazju *anti-dumping*, b'konsiderazzjoni ta' l-impożizzjoni parallela ta' taxxi kompensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' l-istess prodott mill-Indja, kif deskritt fil-premessi (114) u (115) tar-Regolament provviżorju hija hawnhekk konfermata. Id-dazji definittivi għalhekk se jkunu kif ġej:

Kumpannija	Marġni ta' l-eliminazzjoni tal- <i>ħsara</i>	Marġni tad- <i>dumping</i>	Taxxa kompensatorja	Dazju <i>anti-dumping</i> propost
Graphite India Limited (GIL)	15,7 %	31,1 %	15,7 %	0 %
Hindustan Electro Graphite (HEG) Limited	7,0 %	22,4 %	7,0 %	0 %
L-oħrajn kollha	15,7 %	31,1 %	15,7 %	0 %

K. ĠBIR DEFINITTIV TAD-DAZJU PROVVIŻORJU

- (31) Fid-dawl tal-kobor tal-marġni tad-*dumping* misjuba għall-produtturi ta' l-esportazzjoni fl-Indja u minħabba l-livell ta' *ħsara* kawżat lill-industrija tal-Komunità, huwa meqjus neċessarju li l-ammonti miksuba permezz tad-dazju *anti-dumping* provviżorju impost bir-Regolament provviżorju għandhom definittivament jinġabru biex ilaħħqu l-ammont ta' taxxi definittivi imposti. Peress li d-dazji definittivi huma inqas mid-dazji provviżorji, l-ammonti miksuba provviżorjament li huma iżjed mir-rata definittiva tad-dazji *anti-dumping* għandhom ikunu rilaxxati.
- (32) Ir-rati għall-kumpanniji individwali tad-dazji *anti-dumping* speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti

fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni preżenti. Għaldaqstant, huma jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji. Dawn ir-rati ta' taxxa (għall-kuntrarju tat-taxxi fuq il-medda tal-pajjiż kollu applikabbli għall-“oħrajn kollha”) huma għalhekk applikabbli esklussivament għall-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż konċernat u prodotti mill-kumpanniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Prodotti impur-tati magħmula minn kwalunkwe kumpannija oħra li m'hix imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament b'isimha u bl-indirizz, inklużi entitajiet relatati ma' daww imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-“oħrajn kollha”

- (33) Kull pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju *anti-dumping* għall-kumpanniji individwali (eż. wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ta' produzzjoni jew ta' bejgħ ġodda) għandha tkun indirizzata minnufih lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari bi kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpannija relatata mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u l-bejgħ esportat assoċjati ma' eż. dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u bejgħ. Jekk meħtieġ, ir-Regolament se jkun emendat skond dan kollu billi jaġġorna l-lista ta' kumpanniji li tibbenefika minn dawn id-dazji individwali,

Kumpannija	Dazju definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Graphite India Limited (GIL), 31 Chowringhee Road, Kolkatta — 700016, West Bengal	0 %	A530
Hindustan Electro Graphite (HEG) Limited, Bhilwara Towers, A-12, Sector-1, Noida — 201301, Uttar Pradesh	0 %	A531
L-oħrajn kollha	0 %	A999

3. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-disposizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali għandhom japplikaw.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju *anti-dumping* definittiv huwa hawnhekk impost fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tal-grafita tat-tip użat għall-fran ta' l-elettriku, b'densità apparenti ta' 1,65 g/cm³ jew iktar u b'reżistenza elettrika ta' 6.0 μΩ.m jew inqas, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8545 11 00 (kodiċi TARIC 8545 11 00 10) u l-bżieżel użati għal dawn l-elettrodi, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8545 90 90 (kodiċi TARIC 8545 90 90 10) kemm jekk impurtati flimkien jew b'mod separat li joriġinaw fl-Indja.

2. Ir-rata tad-dazju *anti-dumping* definittiv applikabbli għall-prezz nett liberu-fil-fruntiera-tal-Komunità, qabel id-dazju, għall-prodotti magħmula mill-kumpanniji elenkati hawn taħt għandu jkun kif ġej:

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-13 ta' Settembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT

Artikolu 2

L-ammonti miksuba permezz tat-dazji *anti-dumping* provviżorji skond ir-Regolament Provviżorju dwar importazzjonijiet ta' elettrodi tal-grafita tat-tip użat għall-fran ta' l-elettriku, b'densità apparenti ta' 1,65 g/cm³ jew iktar u b'reżistenza elettrika ta' 6.0 μΩ.m jew inqas, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8545 11 00 (kodiċi TARIC 8545 11 00 10) u l-bżieżel użati għal dawn l-elettrodi, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8545 90 90 (kodiċi TARIC 8545 90 90 10) kemm jekk impurtati flimkien jew b'mod separat li joriġinaw fl-Indja għandhom ikunu miġbura definittivament kif ġej.

L-ammonti miksuba li huma iżjed mir-rata definittiva tad-dazji *anti-dumping* għandhom ikunu rilaxxati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.